Nru. 17,696
Prezz Lm1.12ċ
Price Lm1.12c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 21 ta' Diċembru, 2004
Tuesday, 21st December, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1305

PUBBLIKAZZJONI TA' ATTI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Atti li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. XIV ta' l-2004 imsejjaħ l-Att ta' l-2004 dwar l-Approprjazzjoni (2005);

Att Nru. XV ta' l-2004 imsejjaħ l-Att ta' l-2004 dwar it-Tieni Approprjazzjoni (2004); u

Att Nru. XVI ta' l-2004 imsejjaħ l-Att ta' l-2004 dwar il-Medjazzjoni.

Il-21 ta' Diċembru, 2004

Nru. 1306

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,692, 17,694 u 17,695 ta' l-14, is-16 u s-17 ta' Diċembru, 2004, rispettivament.

A.L. Nru. 506 ta' l-2004: Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452); Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-2004 dwar l-Inqas Paga Nazzjonali.

A.L. Nru. 507 ta' l-2004: Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452); Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-2004 dwar Żieda fil-Paga għall-Impjegati.

GOVERNMENT NOTICES

No. 1305

PUBLICATION OF ACTS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Acts are published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XIV of 2004 entitled the Appropriation (2005) Act, 2004;

Act No. XV of 2004 entitled the Second (2004) Appropriation Act, 2004; and

Act No. XVI of 2004 entitled the Mediation Act, 2004.

21st December, 2004

No. 1306

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,692, 17,694 and 17,695 of the 14th, 16th and the 17th December 2004, respectively.

L.N. No. 506 of 2004: Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452); National Minimum Wage National Standard Order, 2004.

L.N. No. 507 of 2004: Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452); Wage Increase (Employees) National Standard Order, 2004.

A.L. Nru. 508 ta' l-2004: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regoli ta' l-2004 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Rziezet fid-*Database* Nazzjonali għal Annimali Porċini.

L.N. No. 508 of 2004: Veterinary Services Act (Chapter 437); Registration of Holdings in National Databases for Porcine Animals Rules, 2004.

A.L. Nru. 509 ta' l-2004: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regoli ta' l-2004 dwar il-Kundizzjonijiet tas-Saħħa ta' l-Annimali li jirregolaw il-Kummerċ Intra-Komunitarju ta' Annimali Ovini u Kaprini.

L.N. No. 509 of 2004: Veterinary Services Act (Chapter 437); Animal Health Conditions Goverining Intra-Community Trade in Ovine and Caprine Animals Rules, 2004.

A.L. Nru. 510 ta' l-2004: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regoli ta' l-2004 dwar Miżuri ta' Kontroll tal-Marda ta' l-Ilsien u d-Dwiefer.

L.N. No. 510 of 2004: Veterinary Services Act (Chapter 437); Foot-and-Mouth Disease (Control Measures) Rules, 2004.

A.L. Nru. 511 ta' l-2004: Att ta' l-2000 dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi (Att Nru. XXV ta' l-2000); Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Elettriku.

L.N. No. 511 of 2004: Malta Resources Authority Act 2000 (Act No. XXV of 2000); Electricity Regulations, 2004.

A.L. Nru. 512 ta' l-2004: Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta (Kap. 409); Ordni ta' l-2004 dwar l-Abolizzjoni tad-Direttorati Eżekuttivi fit-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta.

L.N. No. 512 of 2004: Malta Travel and Tourism Services Act (Cap. 409); Malta Travel and Tourism Services Act (Abolition of the Executive Directorates from the Second Schedule) Order, 2004.

A.L. Nru. 513 ta' l-2004: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Avviż ta' l-2004 dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq l-*Income* (Xogħol Filantropiku) (Nru. 3).

L.N. No. 513 of 2004: Income Tax Act (Cap. 123); Income Tax Exemption (Philanthropic Work) (No. 3) Notice, 2004.

Il-21 ta' Diċembru, 2004

21st December, 2004

Nru. 1307

IL-PRESIDENT TA' MALTA JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta rritorna Malta fis-17 ta' Diċembru, 2004, u reġa' daħal għall-qadi tad-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' President.

Dott. George Hyzler ma baqax jaqdi l-funzjonijiet ta' President mal-wasla lura f'Malta tal-President.

Il-21 ta' Diċembru, 2004

No. 1307

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta returned to Malta on the 17th December, 2004, and has resumed the functions of the Office of The President.

Dr George Hyzler has ceased to perform the functions of President from the time of the President's arrival in Malta.

21st December, 2004

Nru. 1308

IL-PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi nhar il-Ġimgħa, is-17 ta' Diċembru, 2004 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1297 tas-16 ta' Diċembru, 2004 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Is-17 ta' Diċembru, 2004
(OPM 12/2004 Vol II)

No. 1308

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed the duties as Prime Minister and Minister of Finance on Friday, 17th December, 2004 and that the arrangements made by Government Notice No. 1297 of the 16th December, 2004, ceased to have effect accordingly.

17th December, 2004

Nru. 1309

ATT TA' L-1996 DWAR IS-SERVIZZI TA' SIGURTÀ

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1996 dwar is-Servizzi ta' Sigurtà, ħatar lill-Imħallef Frank G. Camilleri, LL.D., bħala Kummissjunarju għal perijodu ta' sentejn b'seħħ mit-2 ta' Jannar, 2005.

Il-21 ta' Diċembru, 2004
COF/510/2000

No. 1309

SECURITY SERVICE ACT, 1996

IT is hereby notified for general information that the Prime Minister and Minister of Finance, in accordance with the provisions of Section 12 of the Security Service Act 1996, has appointed Judge Frank G. Camilleri, LL.D., as Commissioner for a period of two years with effect from 2nd January 2005.

21st December, 2004

Nru. 1310

'WARRANT' MID-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja ħatar bħala Kummissjunarji bis-setgħa li jagħtu Ġurament, fil-qadi ta' dmirijiethom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

Pulizija
Supretendent Raymond G. Zammit
Spettur Mario Bonnici

Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni
Ms Dolores Davis

B'Awtorità

TONIO BORG
Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern

Il-21 ta' Diċembru, 2004
(MJHA/144/2003/II)

No. 1310

WARRANT BY THE DEPUTY PRIME MINISTER AND MINISTER FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

IT is notified that, in exercise of such powers as provided by Section (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap 79) the Minister for Justice appointed as Commissioner for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

Police
Superintendent Raymond G. Zammit
Inspector Mario Bonnici

Ministry for Competitiveness and Communications
Ms Dolores Davis

By Authority

TONIO BORG
Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs

21st December, 2004

Nru. 1311

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (STAMPERIJA)

IS-SEGRETARJU Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 1311

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (PRINTING PRESS)

THE Permanent Secretary in the Office of the Prime Minister has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Carmel Sammut	Direttur *Director*	Stamperija tal-Gvern *Government Printing Press*	mit-8 ta' Novembru 2004 from 8th November 2004

Il-21 ta' Diċembru, 2004

21st December, 2004

Nru. 1312

ELEZZJONI TA' SINDKU U VIĊI SINDKU TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali 2004

SKOND il-paragrafu 8 tar-Seba' Skeda ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali li nżammet fis-17 ta' Diċembru 2004, fl-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill Lokali Floriana, is-Sur Publio Agius ġie elett Sindku ta' Floriana b'vot miftuħ u s-Sur Brian Zammit ġie elett Viċi Sindku ta' Floriana b'vot miftuħ ukoll.

Il-21 ta' Diċembru, 2004

No. 1312

ELECTION OF MAYOR AND DEPUTY MAYOR OF THE FLORIANA LOCAL COUNCIL

Local Councils Elections 2004

IN accordance with Section 8 of the Seventh Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), at the Local Council meeting held on Friday, 17th December, 2004 at the Floriana Local Council's Administrative Offices, Mr Publio Agius was elected as Mayor of Floriana by a separate open ballot and Mr Brian Zammit was elected as Deputy Mayor of Floriana by a separate open ballot too.

21st December, 2004

Nru. 1313

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

IL-KUMMISSJONI Elettorali tgħarraf illi l-kandidat elett bħala Kunsillier fl-elezzjoni każwali li saret nhar il-Ġimgħa, is-17 ta' Diċembru, 2004, għall-Kunsill Lokali ta' Floriana, biex jimtela l-post li tbattal mis-Sur John Mary Brincat, huwa dak li ismu jidher hawn taħt:–

HALLETT IVAN

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Il-21 ta' Diċembru, 2004

No. 1313

LOCAL COUNCILS ACT, 1993

THE Electoral Commission notifies that the candidate elected as Councillor in the casual election held on Friday, 17th December, 2004, for the Local Council of Floriana, to fill the post vacated by Mr John Mary Brincat, is that whose name is shown hereunder:–

HALLETT IVAN

C. L. De GABRIELE
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

21st December, 2004

Nru. 1314

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI
(KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Timothy Ellis, B.A., LL.D., bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Peter Fleri-Soler, LL.D.

CARMEN AQUILINA
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

Is-7 ta' Diċembru, 2004

No. 1314

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT
(CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Timothy Ellis, B.A., LL.D., to be Notary Delegate/Keeper for Notary Dr Peter Fleri-Soler, LL.D.

CARMEN AQUILINA
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

7th December, 2004

Nru. 1315

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI
(KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Charmaine Debono bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Franċoise Abela Delicata, sakemm din tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer matul il-perjodu bejn it-Tnejn, is-6 ta' Diċembru 2004 u l-Ħamis, it-23 ta' Diċembru 2004.

JOELLE CAMILLERI, B.COM
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

L-14 ta' Diċembru, 2004

No. 1315

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT
(CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Charmaine Debono as a delegate keeper of the acts of Notary Dr Franċoise Abela Delicata during the latter's absence from these Islands for the period starting Monday, 6th December 2004 ending Thursday, 23rd December 2004.

JOELLE CAMILLERI, B.COM.
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

14th December, 2004

Nru. 1316

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 1316

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2004 Pt 61	Mohammed Elmasri	Al-Madina Parisio Street Sliema	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.11 52.22 52.24	06.08.04
CD/3209/2004 Pt 430	Joseph Camilleri	Spot on Supplies Ltd 92, Triq il-Palma Paola	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.44	09.12.04
CD/3209/2004 Pt 431	Henry Bason	Nancy's Beauty Salon 120A, Triq il-Wied, Msida	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.022	09.12.04

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2004 Pt 432	Trafford Busuttil	Propertyline 31, Ix-Xatt ta' Tignè Sliema	Kategorija V - Servizzi professjonali u kummerċjali *Category V - Professional and business services*	70	09.12.04
CD/3209/2004 Pt 434	Joanne Sacco	Bisogni Triq Leonard Mahoney Xgħajra	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42 52.43 52.47 52.48.9 52.48.13	14.12.04
CD/3209/2004 Pt 436	Jacqueline Urpani	Accessorize Main Street Complex Pjazza Paola Paola	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.43 52.48.13	14.12.04

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Il-21 ta' Diċembru, 2004

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

21st December, 2004

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema Numru Sebgħa

Għajnuna Finanzjarja għal Persuni b'Diżabilità għal Xogħlijiet ta' Titjib Relatati mad-Diżabilità tagħhom f'Residenzi Okkupati Minnhom

B'riferenza għall-Iskema Numru 7 - Għajnuna Finanzjarja għal Persuni b'Diżabilità għal Xogħlijiet ta' Titjib Relatati mad-Diżabilità tagħhom f'Residenzi Okkupati Minnhom ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru 1999, l-Awtorità tad-Djar tgħarraf li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sal-31 ta' Marzu, 2005.

L-Awtorità tad-Djar qed tagħmel dawn l-emendi:-

(1) Temenda Klawsola 11 (b) biex taqra kif ġej:

Lifts fi blokki ta' appartamenti privati proprjetà ta' l-applikanti ma jiġux ikkunsidrati taħt din l-iskema.

(2) Temenda Klawsola 11 (iii) biex taqra kif ġej:-

(iii) Kundizzjonijiet għall-Assistenza

(a) Id-dar li tikkwalifika għall-għajnuna mogħtija taħt din l-iskema għandha tintuża u tiġi okkupata mill-applikanti esklussivament bħala r-residenza ordinarja. F'każ li tali dar f'kull waqt tiġi trasferita bi kwalsijasi titolu, kemm inter visos jew kawża mortis, jew f'każ li d-dar ma tibqax fil-pussess u/jew okkupata mill-benefiċjarju, l-għotja mogħtija trid tiġi rifusa lura lill-Awtorità tad-Djar fl-intier tagħha.

(b) L-Awtorità tad-Djar għandha d-dritt li tirreġistra favur tagħha Ipoteka Ġenerali skond il-liġi, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet oħra skond il-liġi u dan biex tikkawtela r-rifużjoni ta' l-għajnuna kif ukoll it-tħaris ta' l-obbligi kollha tal-benefiċjarji.

(3) Temenda Klawsola 15 biex taqra kif ġej:-

15. Vakar tar-residenza li fuqha qed tingħata għajnuna u rifużjoni ta' l-għajnuna f'għotja għall-irranġar u titjib

(i) Id-dar li fuqha ngħatat għajnuna taħt din l-iskema għandha tintuża u tiġi okkupata mill-applikant esklussivament bħala r-residenza tagħhom u ma tistax tiġi trasferita taħt titolu inter vivos qabel ma jiġi mħallas lura kull benefiċċju mogħti taħt din l-iskema.

(ii) Id-dispożizzjonijiet tas-sub-klawsola (i) ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw *mutatis mutandis* meta l-benefiċċjarju ma jibqax jabita fid-dar fejn sar ix-xogħol bl-għajnuna ta' din l-Iskema bħala r-residenza tiegħu.

Il-21 ta' Diċembru, 2004

HOUSING AUTHORITY

Scheme 7

Financial Aid to Persons with a Disability for Adaptation Works Related to their Disability in Residences Occupied by Them

With reference to Scheme 7 - Financial Aid to Persons with a Disability for Adaptation Works related to their Disability in Residences Occupied by Them published in the Government Gazette of the 8th October 1999, the Housing Authority notifies that the duration of Scheme is being extended up till 31st March, 2005.

The Housing Authority is effecting the following amendments:-

(1) Amend Clause 11 (b) to read as follows:-

Lift installations in privately owned residential units will not be approved under this scheme.

(2) Amend Clause 11 (iii) to read as follows:-

(iii) Conditions for Assistance

(a) The dwelling house which qualifies for Assistance being granted under this Scheme shall be used and occupied by the applicants exclusively as their ordinary residence. In case the property is transferred under any title inter vivos or causa mortis, or in case the property will not remain in possession or occupied by the applicant, the grant given under this scheme should be fully refunded to the Authority.

(b) The Authority is entitled to register a General Hypothec according to law, without prejudice to other rights at law and this to guarantee the refund of the cash assistance as well as the observance of all the conditions by the beneficiary.

(3) Amend Clause 15 to read as follows:-

15. Vacation of Premises on which a Subsidy has been granted and Repayment of Adaptation Cash Assistance

(i) The dwelling house on which assistance has been granted under this Scheme shall be used and occupied by the beneficiaries exclusively as their ordinary residence and cannot be transferred under any title inter vivos unless the grant given under this scheme is fully refunded to the Authority.

(ii) The provisions of sub-clause (i) of this clause shall also apply mutatis mutandis where the beneficiary does not continue to occupy the dwelling-house on which assistance has been granted under this scheme as his ordinary residence.

21st December, 2004

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema Z

Skema Għal Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar u Titjib f'Residenzi Privati Okkupati minn Sidien 1999

B'riferenza għal l-iSkema Z - Skema Għal Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar u Titjib f'Residenzi Privati Okkupati minn Sidien 1999 - ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru 1999, l-Awtorità tad-Djar tgħarraf li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sal-31 ta' Marzu, 2005.

L-Awtorità tad-Djarqed tagħmel dawn l-emendi:-

(1) temenda Klawsola 13 Sub-Klawsola (vii) biex taqra kif ġej:-

(vii) Kundizzjonijiet għall-Assistenza

(a) Id-dar li tikkwalifika għall-għajnuna mogħtija taħt din l-iskema għandha tintuża u tiġi okkupata mill-benefiċjarju prospettiv esklussivament bħala r-residenza ordinarja tiegħu. F'każ li tali dar f'kull waqt tiġi trasferita bi kwalsijasi titolu, kemm inter visos jew kawża mortis, jew f'każ li d-dar ma tibqax fil-pussess u/jew okkupata mill-benefiċjarju, l-għotja mogħtija trid tiġi rifuża lill-Awtorità tad-Djar fl-intier tagħha.

(b) L-Awtorità tad-Djar għandha d-dritt li tirreġistra favur tagħha Privileġġ Speċjali u/jew, Ipoteka Speċjali u/jew Ipoteka Ġenerali skond il-liġi, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet l-oħra skond il-liġi u dan biex tikkawtela r-rifużjoni tas-sussidju u/jew l-għajnuna kif ukoll it-tħaris ta' l-obbligi kollha tal-benefiċjarji.

(2) temenda Klawsola 16 biex taqra kif ġej:-

16. Bejgħ u/jew Vakar tar-Residenza li Fuqha Qed Tingħata Għajnuna u Rifużjoni ta' l-Għajnuniet Mogħtija.

(i) Id-dar ta' abitazzjoni li fuqha ngħatat għajnuna taħt din l-iskema għandha tiġi okkupata u użata mill-applikanti esklussivament bħala r-residenza ordinarja tagħhom.

Id-dar ta' residenza li fuqha ngħatat għajnuna taħt din l-iskema ma tistax tiġi trasferita taħt titolu 'Inter Vivos' qabel ma jiġi mħallas lura kull benefiċċju mogħti taħt din l-iskema.

(ii) Suġġett għad-dispożizzjoni ta' paragrafu (i) ta' dan l-artikolu, kull dar li fuqha tingħata għajnuna taħt din l-iskema ma tistax tiġi trasferita taħt l-ebda titolu, barra bi trasferiment *causa mortis* sakemm il-benefiċjarji ma josservawx il-kundizzjoni li ġejja f'dan l-artikolu:-

meta t-trasferimant tad-dar li fuqha ngħatat għajnuna taħt

HOUSING AUTHORITY

Scheme Z

Subsidy on Adaptation Works in Owner Occupied Private Dwellings

With reference to Scheme Z - Subsidy on Adaptation Works in Owner Occupied Private Dwellings - published in the Government Gazette of the 8th October 1999, the Housing Authority notifies that the duration of Scheme is being extended up till 31st March, 2005.

The Housing Authority wishes to effect the following amendment:-

(1) Sub-Clause (vii) of Clause 13 to read as follows:-

(vii) Conditions for Assistance

(a) A dwelling house which qualifies for Assistance being granted under this Scheme shall be used and occupied by the applicants exclusively as their ordinary residence. In case the property is transferred under any title inter vivos or causa mortis, or in case the property will not remain in possession or occupied by the applicant, the grant given under this scheme should be fully refunded to the Authority.

(b) The Authority is entitled to register in its favour a Special Privilege, Special Hypothec and/or General Hypothec according to law, without prejudice to other rights at law and this to guarantee the refund of the subsidy are/or cash assistance as well as the observance of all the condition by the beneficiary.

(2) Clause 16 to read as follows:-

16. Resale and/or Vacation of Premises on Which Subsidy Has Been Granted and Repayment of Subsidies

(i) A dwelling house on which assistance has been granted under this Scheme shall be used and occupied by the purchasers exclusively as their ordinary residence.

A dwelling house on which assistance has been granted under this Scheme shall not be transferred under any title inter vivos unless the grant given under this scheme is fully refunded to the Authority.

(ii) Subject to the provisions of paragraph (i) of this Article, any dwelling-house on which assistance has been given under this Scheme shall not be transferred under any title, other than transmission with causa mortis, unless the beneficiaries comply with the following provision of this article:

where the transfer of the dwelling house on which

din l-iskema isir, il-benefiċjarji għandhom jagħtu lill-Awtorità avviż ta' xahar rigward l-intenzjoni li jittrasferixxu l-imsemmija dar u l-Awtorità tittermina minnufih kull arranġament għas-sussidji taħt din l-iskema fuq ir-rati ta' l-interessi pagabbli mill-benefiċjarji.

(iii) Il-provedimenti tas-sub-klawsoli (i) u (ii) ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw *mutatis mutandis* meta l-benefiċjarju ma jibqax jabita fid-dar privata bħala r-residenza ordinarja tiegħu.

Il-21 ta' Diċembru, 2004

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema R

Skema ta' Kera Sussidjata fuq Residenzi Privati

B'riferenza għal Skema R - Skema ta' Kera Sussidjata fuq Residenzi Privati - ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern datata 15 ta' Frar 1999, l-Awtorità tad-Djar tgħarraf li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sal-31 ta' Marzu, 2005.

Il-21 ta' Diċembru, 2004

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema W

Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar fi Djar Proprjetà tal-Gvern

B'riferenza għal Skema W - Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar fi Djar Proprjetà tal-Gvern - ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Ġunju 1999, l-Awtorità tad-Djar tgħarraf li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sal-31 ta' Marzu, 2005.

Il-21 ta' Diċembru, 2004

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema X

Skema għax-Xiri u għax-Xogħlijiet ta' Rranġar u Titjib ta' Djar Privati

B'riferenza għall-Skema X - Skema għax-Xiri u għax-Xogħlijiet ta' Rranġar u Titjib ta' Djar Privati - ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru 1999, l-Awtorità tad-Djar tgħarraf li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sal-31 ta' Marzu, 2005.

Il-21 ta' Diċembru, 2004

assistance has been granted is to take place after ten years from the date of the final payment of the adaptation assistance grant and/or loan, whichever is the later, the beneficiaries shall give one months notice of his intention to transfer the said dwelling house and the Chairperson shall there upon terminate any arrangement for the subsidy under the scheme of any interest payable by the beneficiaries.

(iii) The provisions of sub-clauses (i) and (ii) of this clause shall also apply mutatis mutandis where the beneficiary does not continue to occupy the dwelling-house as his ordinary residence.

21st December, 2004

HOUSING AUTHORITY

Scheme R

Rent Subsidisation Scheme on Privately Owned Dwellings

With reference to Scheme R - Rent Subsidisation Scheme on Privately Owned Dwellings - published in the Government Gazette of the 15th February 1999 the Housing Authority notifies that the duration of Scheme is being extended up till 31st March, 2005.

21st December, 2004

HOUSING AUTHORITY

Scheme W

Subsidy of Adaptation Works in Government Owned Dwellings

With reference to Scheme W - Subsidy of Adaptation Works in Government Owned Dwellings - published in the Government Gazette of the 11th June 1999, the Housing Authority notifies that the duration of Scheme is being extended up till 31st March, 2005.

21st December, 2004

HOUSING AUTHORITY

Scheme X

Private Dwellings Houses (Purchase and Improvements)

With reference to Scheme X - Private Dwellings Houses (Purchase and Improvements) published in the Government Gazette of the 8th October 1999, the Housing Authority notifies that the duration of Scheme is being extended up till 31st March, 2005.

21st December, 2004

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema 'Y'

Sussidju ta' Mgħax fuq Self għad-Djar

B'riferenza għall-Skema 'Y' - Sussidju ta' Mgħax fuq Self għad-Djar - ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru 1999, l-Awtorità tad-Djar tgħarraf li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sal-31 ta' Marzu, 2005.

Il-21 ta' Diċembru, 2004

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema Numru Ħamsa

Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Irranġar fi Djar Privati li Huma Okkupati minn Inkwilini jew Ċenswalisti

B'referenza għall-Skema Numru Ħamsa - Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar fi Djar Privati li Huma Okkupati minn Inkwilini jew Ċenswalisti - ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru 1999, l-Awtorità tad-Djar tgħarraf li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sal-31 ta' Marzu, 2005.

Il-21 ta' Diċembru, 2004

HOUSING AUTHORITY

Scheme Y

Subsidy on Interest on House Loans (Private Sector)

With reference to Scheme Y - Subsidy on Interest on House Loans (Private Sector) published in the Government Gazette of the 8th October 1999, the Housing Authority wishes to notifies that the duration of Scheme is being extended up till 31st March, 2005.

21st December, 2004

HOUSING AUTHORITY

Scheme Number Five

Subsidy on Adaptation Works in Private Dwellings Held on Lease or Emphyteusis - Scheme

With reference to Scheme Number Five - Subsidy on Adaptation Works in Private Dwellings Held on Lease or Emphyteusis - published in the Government Gazette of the 8th October 1999, the Housing Authority notifies that the duration of Scheme is being extended up till 31st March, 2005.

21st December, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Chairman* fid-Dipartiment ta' l-Ortopedija fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adattati u b'esperjenza għall-post ta' *Chairman* fid-Dipartiment ta' l-Ortopedija fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Chairman* tad-Dipartiment ta' l-Ortopedija għandu salarju ta' Lm11,420 fis-sena 2005.

3.1. In-nomina ta' *Chairman* tad-Dipartiment ta' l-Ortopedija, li hi soġġetta għal żmien bi prova ta' sena, hija fuq bażi ta' kuntratt ta' ħames snin u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Din in-nomina hi fuq bażi *full-time,* jiġifieri l-persuna nominata tkun soġġetta għal ġimgħa ta' erbgħin siegħa fuq sitt ijiem u wara tkun tista' tissejjaħ fuq bażi ta' *roster*.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Chairman of the Department of Orthopaedics in the Health Division

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced medical practitioners for the post of Chairman of the Department of Orthopaedics in the Health Division.

2. The post of Chairman of the Department of Orthopaedics carries a salary of Lm11,420 per annum in the year 2005.

3.1. The appointment of a Chairman of the Department of Orthopaedics, which is subject to a probationary period of one year, shall be on the basis of a five-year contract and is subject to any rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. This appointment is on a full-time basis, i.e. the appointee will be conditioned to a forty hour-six day week and may be on call thereafter on a roster basis.

3.3. Il-ħinijiet tax-xogħol tal-persuna nominata mhux bilfors ikunu limitati għal dmirijiet ta' filgħodu imma, skond l-esiġenzi tas-servizz, sessjonijiet ta' wara nofsinhar, inklużi sessjonijiet ta' operazzjonijiet u ta' *outpatients,* jistgħu jsiru skond l-arranġamenti approvati mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

3.4. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċ-ċji u suġġetta għall-kundizzjonijiet li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:-

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5. Il-persuna nominata tkun taqa' direttament taħt is-Supretendent Mediku ta' l-isptar jew sptarijiet li jkunu qed jipprovdu servizz fl-Ortopedija jew taħt l-awtorità li tkun qed tmexxi l-isptar minn żmien għal żmien. Fl-aħħarnett taqa' taħt id-Direttur ta' l-*Institutional Health.*

6. Il-persuna nominata trid:-

i) tkun responsabbli għat-tmexxija u l-amministrazzjoni tad-Dipartiment ta' l-Ortopedija fis-Servizz tas-Saħħa. Minbarra li tipprovdi *clinical inpatient service* fl-Isptar San Luqa Guardamangia u fl-Isptar Ġenerali f'Għawdex hi trid tkun responsabbli wkoll għat-tmexxija tas-servizzi ta' *out-patients* fl-Ortopedija f'Malta u Għawdex kif ukoll tagħti servizz ta' parir professjonali lill-isptarijiet kollha.

Hi tkun meħtieġa li tirranġa *rosters* tax-xogħol tat-tobba li jaħdmu fid-Dipartiment ta' l-Ortopedija. Hi tkun responsabbli wkoll għall-aspetti kliniċi tal-faċilitajiet ta' l-Ortopedija fiċ-Ċentri tas-Saħħa u għall-provvediment ta' l-istess faċilitajiet.

(ii) tkun responsabbli għad-dixxiplina u l-prattika fis-sala u fit-teatri u trid tagħti kont dwar l-inforzar tad-dixxiplina ta' l-impjegati taħt il-kariga tagħha.

(iii) meta tkun l-*Admitting Consultant* (fuq xogħol), hi meħtieġa li tattendi għal ħtiġiet tal-pazjenti skond l-esiġenzi tas-servizz u għandha dakinhar filgħaxija, iddur is-sala biex taċċerta sakemm hu prattikabbli, li kull dħul ta' emerġenza li jsir wara nofsinhar u kmieni filgħaxija jiġi eżaminat minnha fl-istess ġurnata tad-dħul.

(iv) tagħti parir lid-Diviżjoni tas-Saħħa dwar żviluppi fl-Ortopedija, tħejji *policies* kliniċi u tax-xogħol dwar id-

3.3. The working hours of the appointee shall not necessarily be limited to morning duties, but in accordance with the exigencies of the service, afternoon sessions including operation and outpatients sessions may have to be carried out as per arrangements approved by the Health Division.

3.4. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work, and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5. The appointee will be directly accountable to the Medical Superintendent of the hospital/s which is/are providing services in Orthopaedics or to such hospital management authority as may be in place from time to time. He/She will ultimately be accountable to the Director, Institutional Health.

6. The appointee shall:-

(i) be responsible for the management and administration of the Department of Orthopaedics within the Health Service. Apart from providing the clinical inpatient service based at St. Luke's Hospital and Gozo General Hospital, he/she shall be responsible for running the outpatients Services in Orthopaedics in Malta and Gozo as well as for providing consultancy service to all hospitals.

He/She shall arrange duty rosters for medical staff in the Orthopaedic Department. He/She shall also be responsible for the clinical aspects of, and provide the necessary back up facilities for Orthopaedic services in Health Centres.

(ii) be responsible for ward and theatres discipline and practice and accountable for the enforcement of discipline of the staff under his/her charge.

(iii) when he/she is the admitting Consultant (on call), he/she shall be required to attend to the needs of patients according to the exigencies of the service. He/She is to perform an evening ward round on that date with a view to ensuring, as far as it is reasonably practicable, that emergency admissions in the afternoon and early evening are seen by him/her on the same day of admission.

(iv) advise the Health Division on service developments in Orthopaedics, draw up appropriate clinical and operational

dipartiment kliniku tagħha u taġġornahom kif jinħtieġ għall-approvazzjoni mill-awtoritajiet ta' l-isptar, u tassigura li l-*policies* approvati jiġu obduti.

(v) tistabbilixxi mekkaniżmu xieraq biex tassigura kwalità tas-servizzi u verifika medika.

(vi) tassigura l-ogħla kura possibbli għall-pazjenti b'attenzjoni speċjali biex din tingħata kif xieraq, fil-ħin u kontinwa (inkluż kontinwazzjoni permezz ta' *medical records* miżmuma tajjeb u li persuna tista' ssegwihom bla tbatija, u permezz ta' ittri fil-ħin dwar ħruġ mill-isptar).

(vii) tagħmel proposti dwar l-iżvilupp tas-*subspecialities* fl-Ortopedija u ssegwi l-progress tal-*policies* approvati f'dan ir-rigward.

(viii) tkun meħtieġa li tikkonsulta ruħha mal-Konsulenti ta' l-Isptar San Luqa, ta' l-Isptar Ġenerali f'Għawdex u ta' kull sptar ieħor tal-Gvern.

(ix) tieħu ħsieb ilmenti dwar id-dipartiment tagħha skond il-proċedura applikabbli għad-Diviżjoni tas-Saħħa b'mod ġenerali u għall-isptarijiet b'mod partikolari.

(x) tassigura l-implimentazzjoni ta' programmi kontinwi ta' taħriġ u edukazzjoni għall-impjegati tad-Dipartiment tagħha, inkluż l-organizzazzjoni ta' laqgħat kliniċi u programmi ta' taħriġ fl-Ortopedija għall-*undergraduates* u *postgraduates* kif ukoll għall-impjegati paramediċi fid-Dipartiment.

(xi) tħejji *Business Plans* għad-Dipartiment kliniku tagħha u tassigura l-implimentazzjoni tagħhom, u tassigura l-użu xieraq ta' riżorsi umani u riżorsi oħra li għandha għad-dispożizzjoni tagħha.

(xii) toqgħod fuq Bordijiet u Kumitati kif tkun inkarigata mill-awtoritajiet kompetenti, inkluż Bordijiet u Kumitati mediċi, ta' għażla, ta' investigazzjoni u dawk li jagħtu parir.

(xiii) tħejji rapport kull sena fuq ix-xogħol tad-dipartiment kliniku tagħha.

(xiv) tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

7. L-applikanti għandhom:

(a) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u l-Lingwa Ingliża;

policies in connection with his/her clinical Department and update these as necessary for approval by the hospital authorities, and ensure that the approved policies are complied with.

(v) establish appropriate mechanism to ensure quality of services and medical audit.

(vi) ensure the highest level possible of patient care with special attention to appropriateness, timeliness, and continuity (including continuity through well maintained and easily followable medical records and timely discharge letters).

(vii) make proposals for the development of subspecialities in Orthopaedics and monitor progress in respect of approved policies in this respect.

(viii) he/she shall liaise with Consultant Staff at St.Luke's Hospital, Gozo General Hospital and any other Government Hospital.

(ix) deal with complaints pertaining to his/her Department in accordance with procedures applicable to the Health Division in general and to the hospitals in particular.

(x) ensure the implementation of a continuing training and education programme in respect of the staff of his/her Department, including the organisation of clinical meetings and teaching programmes in Orthopaedics for medical undergraduates and postgraduates as well as paramedical staff in the department.

(xi) draw up Business Plans for his/her clinical department and ensure their implementation, ensuring the appropriate use of human and other resources at his/her disposal.

(xii) sit on such Boards and Committees as may be indicated or requested by the competent authorities, including Boards and Committees of a medical, selective, investigative or advisory nature.

(xiii) prepare an annual report on the workings of his/her clinical department.

(xiv) make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

7. Applicants must:-

(a) be citizens of Malta or of a European Union Member State;

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(ċ) ikollhom Liċenza biex jipprattikaw il-professjoni Medika f'Malta;

(d) JEW

ikollhom nomina ta' Konsulent fl-ispeċjalità fis-Servizz Pubbliku ta' Malta

JEW

ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fl-Ortopedija *(FRCS Certificate* tar-Renju Unit jew kwalifika adattata komparabbli);

(e) ikollhom mill-anqas seba' snin esperjenza fl-Ortopedija wara li jkunu kisbu l-kwalifika oġħla ta' wara l-gradwazzjoni msemmija hawn fuq;

(f) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); dawk li japplikaw minn barra s-servizz għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra, mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta u jagħtu dettalji).

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi ndirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkuppjata lill-KNPD.

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

